C/2024/3714

12.6.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kawża M.11525 — SGIF / EDF / PERFESCO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3714)

1. Fil-5 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sustainable Growth Infrastructure Fund SCSp SICAV-RAIF ("SGIF", il-Lussemburgu), ġestit minn sussidjarji ta' DWS Group GmbH & Co KGaA ("DWS", il-Ġermanja), li fl-aħħar mill-aħħar huwa kkontrollat minn Deustche Bank AG ("DB", il-Ġermanja),

— EDF Pulse Holding SAS (Franza), ikkontrollata minn Électricité de France S.A. ("EDF", Franza), li hija proprjetà tal-gvern Franċiż,

— Perfesco SAS (Franza), attwalment ikkontrollata biss minn EDF.

SGIF u EDF se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Perfesco.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SGIF huwa fond Ewropew għall-infrastruttura.

— EDF hija kumpanija multinazzjonali Franċiża tal-utilitajiet elettriċi.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Perfesco huma dawn li ġejjin: Perfesco hija speċjalizzata fl-iżvilupp ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika u operazzjonali u attiva esklussivament fi Franza.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11525 – SGIF / EDF / PERFESCO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.